**STQARRIJA MILL-MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR**

***Varata skema ta' €2.2 miljun li ser tkun qed tgħin lil sidien ta' barijiet u każini.***

Ġiet varata skema ta' €2.2 miljun li ser tkun qed tgħin lil sidien ta' barijiet u każini li kellhom jibqgħu magħluqin minħabba restrizzjonijiet marbut mal-pandemija tal-COVID-19. L-iskema hija mmirata sabiex tagħti għajnuna finanzjarja lil stabbilimenti li jaqgħu taħt tliet kategoriji li tinkludi barijiet kummerċjali, barijiet li jiffurmaw parti minn każin u każini li mhumiex politiċi.

Il-barijiet kummerċjali li għandhom liċenzja mal-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu jistgħu japplikaw għal massimu ta' €2,870.00, barijiet li jiffurmaw parti minn għaqda jew każin sa massimu ta' €1,860.00 u l-għaqdiet kollha l-oħra li huma rreġistrati mal-Kummissarju tal-Pulizija bl-eċċezzjoni tal-każini politiċi, jistgħu japplikaw sa massimu ta' €1,260.00.

Dan l-inċentiv lill-kategoriji msemmija ser ikun qed ikopri il-perjodu ta' bejn it-28 ta' Ottubru 2020 u it-28 ta' Frar 2021, l-istess żmien li fih dawn l-ażjendi kellhom jibqgħu magħluqin minħabba restrizzjonijiet marbutin mal-pandemija tal-COVID-19.

Din l-iskema finanzjarja ġiet varata mill-Ministru għat-Turiżmu u l-Protezzjoni tal-Konsumatur Clayton Bartolo fil-preżenza tas-Segretarju Parlamentari għall-Isport, Rikreazzjoni u l-Għaqdiet Volontarji Clifton Grima u l-Kap Eżekuttiv tal-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu is-Sur Johann Buttigieg.

F'diskors tal-okkażjoni, il-Ministru għat-Turiżmu u l-Protezzjoni tal-Konsumatur Clayton Bartolo saħaq kif dan huwa Gvern għan-nies li qed ikompli jgħin lill-familji u n-negozji f'dawn iż-żminijiet diffiċli. "Mhuwiex sigriet li s-settur tal-ospitalità kien l-aktar wieħed milqut f'din il-pandemija. Eluf kbar ta' familji li jiddependu mill-għejxien tagħhom minn dan is-settur għadhom jagħmlu s-sagrifiċċji anke jekk l-isfidi li għaddejjin minnhom ma ħolquhomx huma jew dan il-Gvern," kompla jgħid il-Ministru Bartolo.

Huwa żied jgħid li din l-għajnuna ser tkun qed tgħin bil-kbir biex dawn l-istabbilimenti jkunu iżjed preparati meta pajjiżna jibda jirritorna lura għan-normalità.

Madankollu, il-Ministru Clayton Bartolo għamel referenza dwar kif ser ikun qed jiżdied l-infurzar mill-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu f'numru ta' żoni madwar Malta u Għawdex fosthom tas-Sliema, San Ġiljan, Paceville, San Pawl il-Baħar, in-Nadur, Marsalforn, ix-Xlendi u r-Rabat, Għawdex.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Isport, Rikreazzjoni u l-Għaqdiet Volontarji Clifton Grima saħaq li dan l-investiment qed jikkumplimenta l-akbar investiment dirett li qatt sar fis-settur volontarjat li jammonta għal €4.1 miljun. Is-Segretarju Parlamentari kompla jgħid li grazzi għal din l-iskema, mijiet ta' klabbs sportivi u għaqdiet volontarji, li għandhom bar jopera magħhom, se jkunu jistgħu ikomplu bix-xogħol tagħhom. Xogħol li ġie affetwat negattiv li

llimita kif joperaw u jiġġeneraw id-dħul tagħhom l-għaqdiet. Id-dmir tal-Gvern huwa li l-isfidi li jaffaċċjaw dawn l-għaqdiet, jibdilhom f'opportunitajiet.

Minn naħa tiegħu, il-Kap Eżekuttiv tal- Awtorita' Maltija għat-Turiżmu is-Sur Johann Buttigieg qal li l-għan ta' din l-iskema huwa li jingħata sostenn addizzjonali lil dawn il-kategoriji ta' stabillimenti li huma meqjusa li sofrew aktar minn negozji oħra sforz il-miżuri li kellhom jittieħdu sabiex tiġi mrażżna l-imxija tal-COVID-19. Huwa żied jgħid li għal kull għajnuna u direzzjoni dwar din l-iskema, l-applikanti għandhom jissottomettu l-applikazzjoni bejn l-1 ta' Marzu u l-15 ta' Marzu 2021 filwaqt li kull min għandu mistoqsija għandu jibgħat imejl dedikat fuq bcscheme@visitmalta.com jew jagħmel appuntament ma' ħaddiem mill-Awtorita Maltija għat-Turiżmu fuq fuq in-numru 2291500.